MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2006/2002

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Maria Elena Cumbo**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm213.53c (mitejn u tlettax-il lira Maltin u tlieta u hamsin centezmi) rappresentanti hlas ghal-servizzi resi mis-socjeta attrici in konnessjoni mal- 'mobile phone' bin-numru 99428497.

Minkejja nterpellata sabiex thallas diversi drabi il-konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz f' din it-talba kien dovut sad-data tal-

pagament kif ukoll bl-ispejjes tal-manda ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma din it-talba.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**